MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 984/2004

**Thomas Smith Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi, u l-assikurat taghha John Cauchi ta' Zammit & Cachia Limited**

**vs**

**Martino Schembri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi is-somma ta' elf, a u disgha u erbghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1,049.93) rapprezentanti danni kollha sofferti minnhom jew per konsegwenza tal-incident stradali illi gara fid-9 ta' Mejju 2003 fi Triq iz-Zurrieq, Luqa, Malta bejt il-vettura Fort Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni IAJ 325, misjuqa mill-konvenut u dik Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni FBO505 propjeta ta'

John Cachia u misjuqa minn Kevin Gatt. Dan l-incident gara unikament tort tal-konvenut minhabba illi naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku, u minhabba illi saq b'manjiera traskurata fuq in-naha l-ohra tat-triq u kien taht l-influwenza tax-xorb. Dan skond ma hemm imnizzel fir-rapport tal-Pulizija.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni illi ghaliha minna issa hu ngunt.

Ra n-nota ammissjoni prezentata mill-konvenut fl-24 ta' Settembru 2004.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' elf u disgha u erbghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1,049.93).

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------